Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar numru 63 , miżmuma nhar il-Erbgħa 18 ta' Lulju 2018 , ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar.

Il-Laqgħa bdiet fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

---

Membri Preżenti:

| | |
|---|---|
| • Anne Fenech | Sindku |
| • Daniel Grima | Viċi Sindku |
| • Graziella Galea | Kunsillier |
| • Antoinette Bezzina | Kunsillier |
| • Stephen Cremona | Kunsillier |
| • Joseph Vella | Kunsillier |
| • Alfred Grima | Kunsillier |
| • Paul Bugeja | Kunsillier |
| • Robert Piscopo | Kunsilier |
| • Rodney Galea | Kunsillier |

Membri Skużati:

| | |
|---|---|
| • Mandy Buhagiar | Kunsillier |
| • Dounia Borg | Kunsillier |
| • Edward Bugeja | Kunsilier |

Segretarju Eżekuttiv – Mariella Strout

## Minuti 63

### 63.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

Is-Sindku qrat l-ittra ta' apologija tal-Kunsilliera;
Mandy Buhagiar; raġunijiet familjari

### 63.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

Kien hemm qbil unanimu li l-minuti 62(I) u 62(II) ser jiġu kkunsidrati u approvati fil-laqgħa li jmiss.

### 63.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

**Wardens u Puluzija għal-Festa**
Is-Sindku qrat li minħabba l-festa hemm bżonn tas-servizz ta' Wardens jew Puluzija ġo *fixed points*. Dan huwa proċess li jsir ta'kull sena. Il-Wardens offrew kwotazzjoni ħafna aktar għolja mis-snin ta' qabel u għalekk kien hemm qbil li jintgħazel is-servizz tal-Puluzija kif meħtieġ.

**Town Twinning**
Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li kellha korrispondenza ma' raprezentanta minn Spanja li hija involuta fi Town Twining u ser issir Conference Call fit-30 ta' Lulju 2018 għal aktar informazjoni.

**Naqsmu l-MUZA**
Is-Sindku qrat l-informazzjoni mibgħuta.

**Triq Il-Kaħli**
Rappreżentant ta' Lukanda ġibed l-attenzjoni rigward l-istat ta' Triq il-Kaħli. Kien hemm diskussjoni li f'laqgħat preċedenti kien hemm qbil li jsir extensive patching li jasal sa 50 metru kwadru. Il-Kunsillier Alfred Grima ppropona li jsir *site inspection* ta' toroq varji u li jsiru hekk skond il-qbil, b'importanza li ma nikkompromettux il-kwalita tax-xogħol. Kien hemm qbil.

**Pink October**
Kien hemm qbil li jerġa jinxtgħal it-Torri ta' Wignacourt.

**Malta Christmas Guide**
Is-Sindku spjegat li din il-Kumpanija ofriet pakkeġ ta Eur 250 biex l-Kunsill jkun jista' jirriklama rigward attivitajiet tal-Milied fuq dan il-magazine. Il-Kunsill oġġezjona.

**Sofra Corner Kebab**
Inqrat l-informazzjoni provduta għal No Objection mitluba. Il-Kunsill propona li terġa titla itimised fuq l-Agenda għal diskussjoni.

**Magro Brothers**
Ġiet notata l-informazjoni provduta.

**Triq J.Quintinus – UIF PA funding**
Is-Sindku qrat li l-PA bagħtet l-informazzjoni li l-applikazzjoni ta' Triq J.Quintinus ma' ġietx approvata. Il-Kunsilliera talbu kopja ta' dan.

**F Living u Xejk TV – Filming tal-Festa**
Kien hemm talba li jiġu jagħmlu filming fi ġranet partikolari tal-festa, u talbu kontribuzzjoni ta' Eur 200. Il-Kunsill oġġezzjona.

**MF Electrix Invoice – Festa Burmarrad**
Is-Sindku spjegat li l-Kunsill irċieva l-invoice għal 170 LED Bulb li intuzaw għal Festa Burmarrad. Il-Kunsill oġġezzjona li dan jiġi mħallas għaliex l-Kunsill iddeċieda li joffri għajnuna f'servizz mhux f'material hekk kif kien hemm qbil f'laqgħa preċedenti.

**PA 7366/17 - Burmarrad Commercials**

Il-Kunsillier Dr.Robert Piscopo bħala rapprezentant tal- Kunsill spjega kif mar l'ghandament ta' żewg laqgħat waqt l-ismieħ tal-appikazjoni PA 7366/17 -Burmarrad Commercials. Hu qal li oġġzezjona għal garanzija iżda ivvota bħal kumplament tal -Board favur l-applikazjoni.

Il – Kunsill qabel li din terga titellha f'laqgha l-jmiss

**Blues Limited**
Il- Kunsill qabel li l-Avukat nitolbuħ x'kien il-feedback minn għand Blues Limited, u li l-Kunsilliera għandom jaraw l-ittra li ntbgħatet mil-Avukat u t-tweġieba għaliha.

**Simenta Triq San Frangisk**
Il- Kunsill approva li jsiru l-Bollards minflok il-barrier perkoluza li hemm f'triq San Frangisk (simenta).

**63.4.1 l- Indafa Pubblika** – ser terġa titela bħala Item f'laqgha l-jmiss
Il-Kunsillier Alfred Grima spjega li meta Kunsillier jgħamel mistoqsija lil-Kunsill, din għandha tkun imħarsa u protetta mid-data Protection Act. Dan qieghed jinghad minhabba li xi ħadt sostna li l-Kunsillier Alfred Grima talab kemm il tunnellaġ ta' skart ingabar u dan ma kienx il-kas. Sostna li jekk terġa sseħħ ħaġa bħal din huwa ser iħarrek il-Kunsill.

**63.4.2 Il-Latrini Pubbliċi –** ser terġa titela bħala Item f'laqgha l-jmiss

**63.4.3 – Hatra Deputat Segretarju Ezekittiv -** ser terġa titela bħala Item f'laqgha l-jmiss

**63.4.4 - Nefqa NGOs 2015 sa 2018 –** Il-Kunsillier Paul Bugeja nforma lil Kunsill li huwa baqa mingħajr tweġiba għal mistoqsija li għamel minħabba nuqqas ta' tgħarif / informazzjoni. Hemm bżonn li tibda tinkiteb deskrizzjoni dettaljata tax-xiri tal-oġġetti.

**63.4.6 - Tuna Cages** – ser terġa titela bħala Item f'laqgha l-jmiss

**63.4.7 – Kumitat Amministtrativ Burmarrad/Wardija** – ser terġa titela bħala Item f'laqgha l-jmiss.

Il-Kunsillier Alfred Grima qiegħed jitlob sospenzjoni tal-Agenda biex jitkellem fuq punt 63.8. Il-Kunsill maprovax u tkompliet l-Agenda.

**63.5 - Approvazzjoni tal-*Financial Statements 2017***
Il-Kunsillier ta' Alfred Grima sostna li sa ma tinkiteb in-nota li hemm qbil dwar il-kas li jinsab il-Qorti minħabba l-inċident li seħħ fta' Fra Ben fejn il-Kunsill jista' jitlef somma flus konsiderevoli, ir-rapport mhux ser jiġi approvat.

Huwa filfatt kien issuġerixxa dan hu stess u l-Kunsill kien qabel. Il-Kunsillier Alfred Grima mhuwiex ser japprova dan ir-rapport sakemm tinkiteb din in-nota mportanti mil-Avukat rigward il-Kas ta' Vladyslava Kravchenko Vs Kunsill Lokali San Pawl il-Bahar.

**63.6 Rapporti**
**63.6.1 – Rapport tal-Bord tal-Attivitajiet**
Il-Viċi Sindku Daniel Grima, qara r-rapport tal-Attivitajiet – Il-Kunsillier Alfred Grima propona li jiġu aċċettati ir-rakomandazzjoni tal-board. Il-Kunsill qabel unanimament. Il-Kunsillier Graziella Galea sostniet li huwa importanti li ma jintilfux l-fondi l-oħra li ġie mgħoti il-Kunsill.

Il-Kunsillier Joseph Vella talab li r-rapport tal-attivitajiet jiġi anness mal-Minuti 63 u skema tal-attivitajiet 2017

**63.6.2 – Ħatra ta' Ambaxxatur/Ambaxxatriċi lokali taz- zgħazagħ**
Il-Bord issuġerixxa li jiġi maħtur iz-zgħazugħ Carlos Zarb bħala Ambaxxatur taz-Zgħazagħ. Il-Kunsillier Alfred Grima propona li l-Kunsill jaċċetta dak li ssuġerixxa l-Bord. Il-Kunsillier Dr. Robert Piscopo ssekonda. Il-Kunsillier Joseph Vella jixtieq jiltaqa mal-Ambaxxatur fl-iqsar zmien sabiex tibda l-ħidma u sostna ukoll biex din id-darba ma jinalqux il-bibien għaz-zagħzagħ u li l-Kunsill għandu dritt jgħinhom.

**63.7 Approvazzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti (Schedule 5)**

Items 365 – 378 & 381 & 382 - Il-Kunsillier Paul Bugeja ppropona li l-Onorarja tal-Kunsilliera jitħalsu. Il-Kunsillier Alfred Grima ssekonda.

Il-Kunsillier Graziella Galea titlob li timxi skond il-memo.

Item 390 : Il-Kunsillier Alfred Grima talab kjarifika biex ikollu l-informazzjoni ta' min qiegħed jokkupa l-post ta' Uffiċjal Ezekuttiv, u meta dan ġie approvat mil-Kunsill.

Item 407 : Il-Kunsillier Graziella Galea staqsiet rigward l-ammont tal-bankina li saret fi Triq Sant'Antnin. Talbet kopja tal-quotations u il-kont li rċieva l-Kunsill. Il-Kunsillier Alfred Grima fakkar li diġa kien hemm deċizjoni fl-laqgħa rigward din l-materja. Kif ukoll talbet kopja tal-approvazzjoni tad-Direct Order.

Item 411/a/b – Il-Kunsillier Alfred Grima ried kjarifika, jekk il-Kuntrattur prezenti li qiegħed jiġbor l-iskart domestiku huwiex l-istess kuntrattur li ġie adġudikat it-Tender. Kien hemm konferma ta' dan minn naħa tas-Sindku. Il-Kunsillier Paul Bugeja talab jekk huwiex qiegħed jaqta' il-5% management fee u 18% VAT. Kien hemm verifikazzjoni waqt il-laqgħa dwar dan. Il-Pagament ġie kkonfermat.

Item 419 – Il-Kunsillier Graziella Galea sostniet li l-Kunsill qatt m'approva li jinbidel is-servizz. Il-Kunsillier Galea sostniet li jekk sar is-servizz dan għandu jitħallas iżda xorta waħda trid kopja ta' meta l-Kunsill approva dan.

Item 422 -  Il-Kunsillier Alfred Grima ma qabilx ma dan il-ħlas. Il-Kunsillier Graziella Galea ppproponiet sabiex jittieħed vot. Il-Kunsillier Robert Piscopo spjega li il-Kunsill talab ammont ta' informazzjoni u din l-informazzjoni għadha ma ġietx prezentata, għalekk il-ħlas għandu jinżamm sakemm din l-informazzjoni tiġi preżentata.

Item 423 : Il-Kunsillier Alfred Grima qal li tkellem mal-Ex Agent Deputat Segretarju Ezekuttiv Elke Sghendo u huwa ċert li l-linja tal-lift kellha tinqata wara li kien hemm kuntatt telefoniku. Il-Kunsillier Alfred Grima ma qabilx ma dan il-ħlas. Is-Segretarju Ezekuttiv spjegat li m'għanda l-ebda nformazzjoni li din il-linja kellha tinqata.

Item 432 – Il-Kunsillier Paul Bugeja talab jekk kienx hemm kwotazzjonijiet għal dan is-servizz. Il-Kunsillier Rodney Galea talab il-lista ta min' ġie mitlub għal kwotazzjoni ta' dan is-servizz għaliex m'għandux jinqabez operatur mil-Lokal.

Item 433 – Dan il-ħlas ma' ġiex approvat.

Item 434/a - Il-Kunsill talab kjarifika rigward dawn is-servizzi biex jitilgħu fil-laqgħa li jmiss.

**21.00hrs – Telgħaq il-Kunsillier Stephen Cremona**

Item 448 – Il-Kunsillier Alfred Grima kien bagħat imejl lis-Segretarju Ezekuttiv Mariella Strout rigward parti min Triq Jean De La Cassier. Il-Kunsillier Alfred Grima ma jaqbilx ma' parti mil-pagamnet. Qiegħed jitlob verifikazzjoni x'għamel il-Kunsill rigward l-imejl tiegħu. Jekk il-perit jikkonferma li m'hemmx ħsara dan l-pagamnet għandu jitħallas.

L-Iskeda tal-pagamenti giet approvata hekk kif emendata bil-proponiment il-Viċi Sindku Daniel Grima u l-Kunsillier Robert Piscopo.

Il-Kunsillier Graziella Galea tastjeni mil-pagamenti Items 407 & 419.

**63.8 Resoluzzjoni Mresqa**

Is-Sindku qrat ir-resoluzzjoni proponuta mil-Kunsillier Paul Bugeja u ssekondata mil-Kunsillier Edward Bugeja.

Il-Viċi Sindku Daniel Grima qara r-ruling mis-Sindku.

Il-Kunsillier Alfred Grima prezenta ċ-ċirkulari prezentata fl-2015 approvata wkoll mil-Eċellenza tagħha l-President.

Il-Kunsillier Paul Bugeja talab Point of Order fejn jitlob għal buon fini tiġi korretta d-data tar-resoluzjoni fejn bizvista kiteb numru b'ieħor. Il-Kunsillier Alfred Grima ssekonda.

Minħabba li r-Ruling tas-Sindku kien ħażin, il-Kunsillier Paul Bugeja qiegħed jitlob vot biex il-Kunsillier Alfred Grima jkun ir-raprezentant tal-Kunsill fir-Reġjun Tramuntana.

***Favur***
***Il-Kunsilliera Alfred Grima, Joseph Vella. Paul Bugeja, Rodney Galea u Dr. Robert***
***Kontra***
***Il-Kunsilliera Antoinette Bezzina, Graziella Galea u s-Sindku Anne Marie Fenech***
***Astenzjoni***
***Il-Viċi Sindku Daniel Grima jastjeni għaliex jixtieq ikun jaf eżatt kif inhi l-liġi.***

**63.9 Tenders/Quotations**
Il-Kunsillier Alfred Grima qiegħed jippropona li it-tenders li għandom x'jaqsamu mat-tindif fil-lokalita ikunu lesti sal 31 t' Awwissu 2018 u il-bqija tat-tenders jkunu lesti sat-30 ta' Settembru 2018 u jekk ikun hemm ħtieġa tintuza persuna jew kumpanija sabiex il-Kunsill jiġi inregola mal-Liġi.

Is-Segretarja Ezekuttiva spjegat li l-parir tad-Dipartiment huwa li l-Kunsill juza' persuna jew kumpaniji bid-direct order bħala servizz temporanju. Il-Kunsill ma qabilx ma dan il-parir.

Il-Kunsillier Alfred Grima ppropona li din il-materja titella fil-laqgħa li jmiss sabiex jiġu estizi għal tlett xhur. Il-Kunsill qabel.

**63.10 Tmiem il-laqgħa**
Il-Laqgħa ġiet aġġornata għal nhar L-Erbgħa 01 t'Awwissu 2018

| | |
|---|---|
| <IFFIRMATA> | <IFFIRMATA> |
| ____________________ | ________________________ |
| Anne – Marie Fenech | Mariella Strout |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |